MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 88/2009

Kawza fil-lista: 41

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratrici Legali Hilda Ellul,**
**kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lill-assenti C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fid-29 ta’ Marzu 2004; li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; ghaldaqstant qed titlob li z-zwieg in kwistjoni jgi dikjarat null u bla effett fil-ligi; bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li huma ma kienux edotti bil-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut kuntrattat fid-29 ta' Marzu 2004 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta' l-artikolu fuq citat.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina Maltija, izzewwget civilment lill-konvenut cittadin Libjan, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa sena, u meta allura l-attrici kellha 18-il sena u l-konvenut kellu 28 sena.

Wara konvivenza matrimonjali ta' kwazi sentejn il-partijiet isseparaw *de facto*, u l-konvenut qata' kull kuntatt ma' l-attrici. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

L-attrici tispjega li meta hi kienet iltaqghet mal-konvenut rabbiet infatwazzjoni fil-konfront tieghu, u ghalhekk hija accettat mal-ewwel il-proposta tieghu li jizzewwgu. Dan jispjega ghaliex il-partijiet izzewwgu fi zmien qasir u minkejja l-eta' zghira ta' l-attrici. F'dak iz-zmien il-konvenut kien qieghed Malta, u ma kienx jahdem, u ghalhekk kien jghix bil-flus li kienu jibghatulu minn barra membri tal-familja tieghu.

Illi l-attrici tghid li kemm hi, kif ukoll, il-konvenut kienu ftehmu li ma jkollhomx tfal.

Illi wara z-zwieg il-komportament tal-konvenut inbidel fis-sens li dan beda juru certu bruda fil-konfront ta' l-attrici,

allura martu; kien johrog wahdu bil-lejl u kien jirritorna lura fis-sieghat bikrin ta' filghodu. Huwa ma kienx jahdem, u kien jghix bil-flus li kienu jibghatulu niesu minn barra, filwaqt li l-attrici kienet tghix bl-assistenza socjali, peress li l-konvenut qatt ma' taha flus.

Wara s-separazzjoni *de facto* il-konvenut, wara li sar jaf li ma setghax jakkwista c-cittadinanza Maltija peress li ma kienx ghadu jissodisfa r-rekwizit taz-zmien, huwa kien mar ghand l-attrici sabiex din tiffirmalu d-dokumenti necessarji ghal dan il-ghan, izda hi rrifjutat. Minn dak in-nhar il-konvenut qata' kull kuntatt minn ma' l-attrici.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f'dan il-kaz il-Qorti tirravviza l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] fil-konfront ta' l-attrici, u l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] fil-konfront tal-konvenut.

Il-provi juri li l-attrici kienet immatura wisq fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u l-Qorti hija tal-fehema li din ma kellhiex l-gharfien necessarju dwar l-import tal-hajja konjugali, bid-drittijiet u bid-dmirijiet taghha. Hija zzewwget biss lill-konvenut ghax kienet infatwata bih, minghajr ma qieset xejn aktar.

Min-naha tieghu l-konvenut izzewweg lill-attrici biex jakkwista c-cittadinanza Maltija, u xejn aktar, bil-konsegwenza li matul il-konvivenza qasira taghhom, huwa kien biered fil-konfront ta' martu, u ma kienx jaghtiha flus ghal ghejxien taghhom, filwaqt li l-flus li,skond hu, kienu jibghatulu niesu minn barra kien izommhom kollha ghalih.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-29 ta' Marzu 2004.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------